IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 72

## 1 ta` April 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 72.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija. Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li gie nfurmat mis-Sur Zerafa li ser jitardja xi ftit minhabba xoghol.

### 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Nru 70(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

72.2.1 Is-Sur Boxall ghamel referenza ghall-attivita tal-Karnival li saret fil-Birgu, fejn deher car li kien hemm nuqqas ta` attendenza u wiehed irid jikunsidra jekk attivita bhal din tergax issir. *(Minuti 70(07) 70.2.2)*

72.2.2 Gie ssugeriet li ser ssir laqgha mall-avukat tas-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz. Is-Sur Boxall propona li l-kuntratt ikun ghal tlett snin, Anton Gellel propona li jkun ghal hames snin, u s-Sur Trevor Mizzi propona li ghandna nhalluha ghad-diskussjoni meta nintaghqu mall-kumitat. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha maghhom. *(Minuti 70(07) 70.3.3)*

72.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ghandu jiccekja jekk il-panela ta` cctv camera li hemm nstallata Fuq il-Fortini ghandhiex garanzija u jekk l-garanzija ma tkopriex din il-hsara li giet kawzata, il-Kunsill ihallas ghall-spejjez. (Minuti 70(07) 70.3.5)

72.2.4 Is-Sindku ghamel referenza ghal progett li gie proponut dwar struttura ta` parkeggi, fejn is-Sur Boxall ipprezenta zewg sketches tal-parkeggi, wahda Fuq il-Fortini u ohra fi Triq l-Assedju l-Kbir (in-naha tal-Bacino Restaurant). Il-Kunsill qabel unanimament mall-kuncett u maz-zoni, dejjem suggett ghall-permessi mehtiega. *(Minuti 70(07) 70.3.14)*

72.2.5 Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill lesta dokumenti mehtiega ghat-talba ta` direct order u li ser jintbghatu fil-jiem li gejjin. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ser jiehu xi fondi li kellu jiehu minn naha tar-Regjun Xlokk. Is-Sindku propona li jekk jkun hemm xi fondi ohra mir-Regjun jmorru ghal Triq San Anton u Triq Kanonku Luigi Fenech sabiex isir bl-imprint bhal mhu ser jsir fi Triq l-10 t`Awwissu.*(Minuti 70 (07) 70.4)*

72.2.6 Is-Sur John Boxall sahaq li l-Kunsill il-gdid elett ser ikollhu flus biex jahdem f`din il-legislatura. *(Minuti 70(07) 70.6)*

72.2.7 Is-Sur Boxall propona li tigi nstallata cctv camera fi Triq il-Mandragg bhal dik li hemm installata fil-Pjazza biex tissolvelja l-parkegg u skart li jintrema fejn il-kontenitui tal-iskart separat. Dwar dan is-Sur Boxall qal sabiex il-Kunsill jinforma lill-LESA dwar dan. *(Minuti 70(07) 70.7.3)*

**72.3 Korrispondenza**

72.3.1 Giet prezentata korrispondenza dwar progett tal-URBACT, fejn il-Kunsill wera l-interess tieghu f`dan il-progett.

72.3.2 Moqrija korrispondenza dwar talba li ghamel il-Kunsill lill-Brigadier Jeffrey Curmi sabiex waqt il-purcissjoni sewda, il-kurcifiss jintrefa` minn tnax –il suldat tal-armata, liema talba ma gietx milqugha.

72.3.3 Prezentata l-kwotazzjoni tax-xoghlijiet ta` patching fi Sqaq Frakass, liema kwotazzjoni tammonta ghall-900Ewro exc. VAT. Il-kwotazzjoni giet approvata unanimament.

72.3.4 Mibughta korrispondenza dwar it-talba tal-belt ta` El Jem fit-Tunezija sabiex taghmel parti mill-Assocjazzjoni AVEC. Is-Sur Boxall propona li l-Kunsill ghandhu jilqa` din it-talba. Kien hemm qbil minn dawk prezenti.

72.3.5 Mibughta korrispondenza mill-Assocjazzjoni AVEC dwar laqgha li jmiss tal-assocjazzjoni li ser ssir gewwa Chefchaouen bejn il-25 u 27 t`April 2019. Is-Sindku talab lil dawk prezenti jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv min jista` jattendi ghal din il-laqgha.

72.3.6 Prezentati l-ittri li ntbghatu lill-kumpaniji rispettivi dwar espressjoni ta` interess ghall-gbir ta` skart riciklabbli. L-offerti ser jigu accetati sad-29 ta` April 2019.

72.3.7 Moqrija korrispondenza dwar stedina li saret mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi dwar stedina ghall-Kunsill sabiex jattendu ghall-attivita tal-Jesus Christ Superstar li ser titella gewwa Couvre nhar il-Hadd 14 ta` April 2019. Is-Sindku zied jghid li zghazagh talbu wkoll li l-Kunsill jghinnhom billi jigu provduti portable toilet ghal 15 –il gurnata, sabiex dan jintuza matul il-granet kollha ta` preparamenti. Dwar dan kien hemm  qbil unanimu.

72.3.8 B`referenza ghall-iskema SPI /05/2019 Rebbiegha fil-Komunita – Xettel b`Ilwien in-Natura, il-Kunsill applika ghal din l-iskema biex issir tisbih ta` diversi toroq fil-lokalita b`xitel li ser jigi provdut mill-istess Kunsill. Fost toroq hemm Triq Hilda Tabone, Triq il-Majjistral u Triq il-Palazz tal-Isqof.

72.3.9 B`referenza ghat-talba li saret mis-Sur Etienne Zahra mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp dwar il-hruq tan-nar minn taht is-swar tal-Posta ta` Kastilja u t`Aragona ghal matul il-festa tal-Kalkara, il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni biex jinghatalhu l-permess bil-kundizzjonijiet imposti mill-Kunsill.

72.3.10 Prezentata korrispondenza mibughta mill-*"Go-Bike 365"* dwar il-launching li ser ssir fl-ewwel gimghat ta` xahar ta` Mejju hekk kif id-diretturi barranin ser ikunu Malta matul dawk il-granet.

72.3.11 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu sabiex jkun partner fil-progett tal-Europe for Citizens bl-isem *CUT – Culture Twinning*. Il-Lead partner ta` dan il-progett hija l-belt ta` Novo Mesto, fi Slovenia.

72.3.12 Moqrija korrispondenza dwar progetti li jaqghu taht il-programm Erasmus + fejn il-Kunsill wera interess fuq il-progett relatat ma` *indoor sports* u l-progett l-iehor dwar sports ghall-adulti. Il-Kunsill wera interess f`dan il-progett.

72.3.13 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar is-seduta li ser issir nhar l-4 ta` April 2019 dwar il-bini ta` dar tal-anzjani fi Triq San Dwardu. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jkun prezenti ghal din is-seduta u jkun il-membru f`isem il-Kunsill biex jivvota. Il-Kunsill qabel unanimament mall-bini ta` din id-dar tal-anzjani bil-kundizzjoni li jinghata u jigi riservat spazju f`din id-dar ghall-anzjani mill-Birgu u mhux b`rati gholjin.

72.3.14 Prezentata ittra mill-avukat tas-Sinjura Antonia Belfiore, fejn il-Kunsill gie nfurmat li jrid ihallas tal-spejjez kollha tas-Sinjura Belfiore wara li l-qorti qaghtet il-kawza kontra s-Sur John Boxall, Sindku.

19:20hr Is-Sur John Boxall talab sabiex il-laqgha ssir fi stadju ta` kumitat.

19:35hr Il-laqgha kompliet.

72.3.15 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Marzu 2019. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

72.3.16 Giet prezentata l-petty cash tax-xahar ta` Marzu 2019. Din giet approvata unanimament minn dawk prezenti.

**72.4 Restawr tal-Fanali li nqghalaw miz-zona tal-Collachio**

72.4.1 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-haddiema tal-Kunsill qeghdin izzarmaw il-fanali l-antiki (ornamental lamps) li kienu nqghalu biex saru dawk godda, u dan sabiex jintuzaw u jitwehhlu f`toroq ohra u jinqghalu dawk ezistenti. Is-Sur Boxall zied jghid li nxtara xi dawl ghal dawn l-istess fanali.

**72.5 Il-Progett tal-Bandli**

72.5.1 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li saru diversi laqghat mall-foreman tal-public works u l-perit tal-Kunsill sabiex jitkompla l-process tal-bandli. Zied jghid ukoll li l-applikazzjoni mall-Planning Authority giet sottomessa.

**72.6 Progett ta` Sally Porte**

72.6.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti dwar laqgha li saret mall-periti u l-persuna kollha nvoluti fil-progett tal-Salle Porte, fejn gie diskuss x`ser jinvolvi l-progett u xi tibdil ser ssir. Is-Sindku zied jghid li triq hija ppjanata li tibqa two way u li latrina pubblika ser titnehha minn fejn qeghda u ser ssir fejn il-klabb tar-Regatta (l-parti l-ohra). Il-gnien li kien ppjanat li ser ssir minflok l-Ex Oil Tanking ser ssir minn naha tal-GHRC. Is-Sur Boxall propona li l-parti ta` fejn l-mhazen tithalla ghall-frejgatini u dghajjes tal-pass, u l-ewwel preferenza tkun ghal dawk mill-lokal. Dwar dan kien hemm qbil. Is-Sur Boxall zied jghid li waqt din il-laqgha gie ssugeriet li ssir laqgha ohra bil-prezenza ta` rapprezentanti tal-klabb tar-Regatta.

**72.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.7.1 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li nhar l-Erbgha 3 ta` April, 2019 il-Kunsill huwa mistieden biex jattendi l-Award ceremony tal-European Week for Waste Reduction.

**72.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

72.8.1 Is-Sur Eman Zerafa, rapprezentant tal-organizazzjoni TEN08 talab jekk hux possibli li titwahhal banner tal-attivita Rock the Fort 2019 mas-swar ta` Couvre Porte fi zmien l-Ghid u dan sabiex tkun ta` promozzjoni ghal din l-attivita, peress li fil-Birgu specjalment fl-Ghid jattendu hafna nies. Ghal din it-talba, l-Kunsill ma qabilx li ghandha titwahhal banner mas-swar f`dawn iz-zminijiet tas-sena.

**72.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4710 sa` BOV 4742, u cekkijiet bin-numri, HSBC 9771 sa` HSBC 9780. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 13 ta` Marzu sal-1 ta` April 2019.

**72.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 29 ta` April 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum it-Tlieta 14 ta` Mejju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |